BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 01/13 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 9 ta' Jannar 2013 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **Is-Sur Carmelo Cachia – (Agenda 1-6)** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 16/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u C.Muscat issekonda mozzjoni biex il-minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/01 -* Wara diversi ilmenti minħabba kaxxi tal-GO li qed jostakolaw il-bankina fi Triq il-Mandolina u Triq il-Kitarristi, il-Kumpanija GO ressqet suġġeriment lill-Kunsill Lokali sabiex il-bankini issirilhom estensjoni skont pjanta Annex 1 a spejjeż tagħhom. Wara diskussjoni l-Kamra approvat is-suġġeriment skont pjanta Annex 1, dment li l-Kumpanija GO ikollha l-permessi neċessarji kif ukoll tinstalla *reflectors* mal-estensjoni.

*02/01 -* Tressqet fuq il-mejda tal-Kamra l-verżjoni finali tal-immaniġġar tat-traffiku għal Triq Għar Dalam. Wara li l-Kamra evalwat il-pjanta, issuġġeriet sabiex ma tiġix magħluqa l-entratura għal Qajjenza minn Triq Herakles, iżda titwessa' ftit it-triq u l-entratura tibqa' miftuħa.

*03/01* - Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju qed issir talba lill-Kunsill Lokali sabiex issir parata mill-Girl Guides u l-iScouts nhar il-Ħadd, 20 ta' Jannar 2013 li tispiċċa fuq iz-zuntier bit-tberik tal-annimali. Il-Kamra ma ssibx oġġezzjoni għal din it-talba dment li, t-toroq tal-parata kif ukoll il-bankina taz-zuntier jiġu mnaddfa minn kull ħmieġ tal-annimali li jista' jkun hemm. Ukoll minħabba li ser jingħalqu temporanjament it-toroq, l-attivita' trid tiġi kkoordinata mal-pulizija.

***AĠENDA -3***

- Offerta Pubblika Nru. 07/12 – Servizz ta' Perit

| Nru. | Isem tal-Perit | Item 1 | Item 2 | Item 3 | Item 4 | Item 5 | Item 6 | Item 7 | Item 8 | Item 9 | Item 10 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Perit Karl Cutajar & Perit Alexis Inguanez | 1.0% | 0.5% | 1.09% | 1.0% | 0.7% | 0.6% Max €180 | 0.4% | 1.09% | €200 | €25 |
| 2 | Perit Anthony C. Bezzina | €9.50/ hr | 0.90% | 0.90% | €9.50/ hr | €9.50/ hr | €9.50/ hr | 0.90% | 0.90% | €9.50/ hr | €9.50/ hr |
| 3 | Mangion Mangion & Partners | 1.2% | 1.0% | 4.0% | 2.6% | 2.4% | 0.6% | 1.2% | 3.5% | €70 | €60 |
| 4 | Perit William Lewis | 0.4% | 0.3% | 0.85% | 0.95% | 0.6% | NIL | 0.35% | 0.75% | €10/ hr | NIL |
| 5 | Med Design Associates Ltd. | 0.9% | 0.5% | 1.2% | 1.1% | 0.7% | €200/ Report | 0.4% | 1.0% | hourly | free |
| 6 | MC² Architects | 1.2% | 0.9% | 1.8% | 1.2% | 0.75% | 0.75% | 0.9% | 1.2% | 0.75% | €35/ meeting |
| 7 | Perit Mary Grace Camilleri Bartolo | 0.6% | 0.4% | 1.25% | 1.25% | 0.75% | 0.4% | 0.5% | 1% | 0.3% | €15/hr |
| 8 | Design & Technical Resources Ltd. | 0.5% | 0.5% | 1.2% | €1200 | €875 | NIL | 0.5% | 1% | €25/hr | NIL |
| 9 | Perit Mariello Spiteri | 0.2% | 0.09% | 0.3% | 1% | €10.50/ hr | 0.05% | 0.09% | 0.3% | €10.50/ hr | €10.50/ hr |

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni lill-Kamra. Il-bord iltaqa' nhar il-Ħamis, 27 ta' Diċembru 2012 u kien magħmul mis-Sindku, J.Baldacchino u S.Zammit. Wara li l-bord evalwa l-offerti kollha ħa deċiżjoni li jirrakkomanda lill-Kamra lill-offerent Nru. 4 – Perit William Lewis minħabba li ġab l-aħjar punteġġ fost l-orħos tlett offerenti. Il-Kamra aċċettat ir-rakkomandazzjoni tal-bord.

***AĠENDA -4***

Is-Segretarju Eżekuttiv tat l-informazzjoni lill-Kamra fir-rigward tal-iskema PPP.

- Offerta Pubblika Nru. 04/12 – Kisi ta' Toroq taħt l-iskema tal-PPP

Kien hemm offerent wieħed – Asfaltar Ltd. u l-prezz għal din is-sejħa pubblika hu ta' €653018.00. Wara li l-Kunsill Lokali evalwa s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali, ħa deċiżjoni li jattwa dan il-proġett ma' Asfaltar Ltd. taħt l-iskema tal-PPP kif ġiet diskussa mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

***AĠENDA -5***

Il-Kamra wara li evalwat ir-rapporti tal-iskrivani li ressqet is-Segretarju Eżekuttiv approvat biex it-tlett skrivani jiġu allokati bil-*full perfomance bonus* skont kif stipulat fil-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kamra jekk kienx hemm bżonn li toħroġ mill-Kamra għall-evalwazzjoni tal-*performance bonus* tagħha. Il-Kamra ma ratx li hemm bżonn u wara li evalwat ir-rapport imressaq mis-Sindku ġie approvat biex tieħu l-*full performance bonus*. Is-Segretarju Eżekuttiv għan-nom tagħha u tal-iskrivani rringrazzjat lis-Sindku u lill-Kunsillieri kollha b'dan il-ġest.

***AĠENDA -6***

Tressqu fuq-il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €42,328.28 titħallas skont Skeda Nru. 01/13.

***AĠENDA -7***

1. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li:

- ser jagħlqu tlett offerti pubbliċi nhar il-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2013 u għaldaqstant hemm bżonn li jinħoloq bord tal-aġġudikazzjoni għalihom. Il-bord tal-aġġudikazzjoni ser ikunu kif ġej:

  a) Offerta Pubblika Nru. 08/12 – Ġbir ta' Skart Goff – Is-Sindku, J.Baldacchino u C.Cachia

  b) Offerta Pubblika Nru. 09/12 – Manutenzjoni u Installazzjoni ta' Lampi u Dawl Ornamentali – Is-Sindku, J.Baldacchino u S.Zammit

  c) Offerta Pubblika Nru. 10/12 – Manutenzjoni u Installazzjoni ta' Lampi tad-Dawl tat-Toroq – Is-Sindku, J.Baldacchino u S.Zammit

- il-Laqgħa Pubblika ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Frar 2013 fis-6.00 pm.

- il-kuntrattur tad-dawl ma jistax jagħtina stima tax-xogħol li hemm bżonn isir fuq id-dawl fil-Bajja s-Sabiħa minħabba li jrid jaqla' sabiex ikun jaf x'hemm bżonn isir. Il-Kamra qablet li jibda jinqala' x-xogħol biċċa biċċa u naraw x'hemm bżonn isir.

- Transport Malta talbu lill-Kunsill sabiex jinbidlu l-*via* ta' parti mill-parkeġġi ta' Triq Sant' Anġlu. Il-ħaddiema assenjati mill-Kunsill Lokali nfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv li jekk jinbidlu l-*via* tal-parkeġġi ser nitilfu bejn 3 u 5 parkeġġi. Il-Kamra qablet li qabel isir ix-xogħol mitlub minn TM, nitolbu lill-Uffiċjali ta' TM jinżlu fuq il-post sabiex naraw hemmx xi soluzzjoni oħra li tista' tiġi mplimentata mingħajr ma nitilfu parkeġġi.

- l-ewwel abbozz għall-*Bye Law* fuq il-kontroll ta' apparat għall-attivitajiet fil-Bajja s-Sabiħa hu lest u għaldaqstant ser tiġi mgħoddija kopja lil kulħadd sabiex tiġi diskussa f'Seduta apposta.

- is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Nofsinhar talab il-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali fuq proposta li għamlu l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi fejn issuġġerew li apparti 10% *administration fee*, tibda titħallas ukoll 10% lill-Kunsilli Lokali fuq ċitazzjonijiet li nħarġu fil-lokal tagħhom li ġew imħallsa. Il-Kamra qablet ma' din il-proposta.

- Ġie ppreżentat lill-Kamra r-rapport tal-bord tal-aġġudikazzjoni fir-rigward tas-Sejħa Pubblika Nru. 06/12 – Provista u Installazzjoni ta' bandli, *fence* u *soft flooring* fi Ġnien il-Kunsill Lokali, Ġnien Profs. Anton Tabone u Ġnien Mons. Gużeppi Minuti fejn fid-dawl taċ-ċirkostanzi kurrenti finanzjarji u l-prijoritajiet tal-Kunsill Lokali, l-bord ħa d-deċiżjoni li jirrakkomanda li ma jilqa' l-ebda offerta a tenur ta' artikolu 11 fl-*Instructions to Tenderers*. Il-Kamra wara diskussjoni unanimament qablet ma' din ir-rakkomandazzjoni.

2. Il-Viċi Sindku, is-Sur K. Barun :

- Il-magażin wasal fl-aħħar stadju tiegħu u mminenti li jiġi mgħoddi għall-*printing*. Għaldaqstant kull min għadu ma kitibx l-artiklu tiegħu jagħmel dan sal-Ġimgħa, 11 ta' Jannar 2013. Ukoll ser

ninfurmaw lir-residenti rigward il-laqgħa pubblika li ser issir fit-12 ta' Frar 2013 fil-magażin stess.

- Preżentement qed jaħdem sabiex norganizzaw kompetizzjoni tal-fotografija bit-titlu BIRŻEBBUĠA, bil-għan li jkollna ritratti ta' Birżebbuġa miġbura għall-użu tal-Kunsill Lokali. Ġie ssuġġerit li jinħolqu kategoriji sabiex ikun jista' jieħu sehem kulħadd.

3. Il-Kunsillier, is-Sur J. Baldacchino :

- Talab sabiex kif ikun riesaq l-istaġun tas-Sajf naħsbu għal *handrail* fuq il-blat il-Qajjenza, in-naħa tal-*ex* impjant tal-Gass.
- Hemm bżonn ta' aktar lampi tad-dawl f'Wesgħa Ramon Perellos.
- Talab sabiex naraw x'inhi l-proċedura sabiex inneħħu l-blat imkisser minn partijiet tal-bajjiet tagħna sabiex dawn isiru aċċessibbli.

4. Il-Kunsillier, is-S.Zammit :

- Fir-rigward tal-pjanta magħżula ta' Misraħ is-Summit il-pass li jmiss hu li nagħmlu talba formali lil Transport Malta sabiex il-pjanta tiġi approvata.
- Fis-Seduta Nru. 15/12 li saret nhar il-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2012 informa lill-Kamra li l-Federazzjoni tal-Għaqdiet Birżebbuġa kienet ser tapplika għall-fondi tal-Ewropa sabiex tikkommissjona studju dwar il-parteċipazzjoni fl-għaqdiet u dwar is-*sense of belonging* fost ir-residenti ta' Birżebbuġa. Sfortunatament l-applikazzjoni għall-fondi ma ġietx aċċettata u għaldaqstant l-Għaqda ser tirrikorri għand il-Gvern Ċentrali u tapplika għall-fondi mill-'Good Causes Fund'.
- Talab sabiex issir *schedule* għall-attendenza għall-programm tar-radju sabiex nevitaw li jkun hemm programmi fejn ma jattendi ħadd.
- Talab *update* fir-rigward tal-funtana fi Ġnien L-Indipendenza. Is-Segretarju Eżekuttiv informat l-Kamra li l-kuntrattur għandu jibda x-xogħol fuq il-funtana fil-jiem li ġejjin.
- Talab biex jiġi armat van bl-għodda sabiex jiġi utilizzat mill-ħaddiema tal-Kunsill u jiffaċilita' x-xogħol tagħhom. Wara diskussjoni l-Kamra ma laqetx din it-talba. Is-Sindku nforma l-Kamra li meta jkun hemm xogħol li jrid isir b'għodda partikulari nqabdu l-kuntratturi kkonċernati.
- Fakkar lill-Kamra li l-Kunsill kien ħa deċiżjoni li ma niktbux individwalment fuq il-paġna ta' *Facebook* u għaldaqstant kulħadd għandu jżomm ma' din id-deċiżjoni sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor.

5. Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- Talab sabiex jiġi rrappurtat post perikoluż fi Triq Żarenu Dalli kif ukoll naraw jistax jiżdiedu l-lampi tad-dawl fl-istess żona tal-istess triq għaliex hi mdalma.

6. Is-Sindku , is-Sur J.Farrugia :

- Informa l-Kamra li nhar is-Sibt, 12 ta' Jannar 2013 fis-1.30pm, il-Kunsill Lokali flimkien mal-BEAG ser jorganizza Konferenza Stampa f'Wied il-Buni fir-rigward tan-*noise pollution* iġġenerat mill-Freeport.

- Qajjem għad-diskussjoni l-problema li għandna mal-kuntrattur fir-rigward tax-xogħol li jrid isir fi Triq il-Girgħien. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħti *deadline* lill-Kuntrattur sa meta jrid jinbeda x-xogħol u jekk dan ma jibdiex jiġi tterminat il-kuntratt. Ix-xogħol irid jinbeda u jitkompla bla waqfien.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgħa, 6 ta' Frar 2013 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **..............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |